Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 18 ta' Marzu 2024**

**Kumpilazzjoni Nru. 122/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**Versus**

**Jurgen Schembri**
**(0053793M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Jurgen Schembri**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0053793M.

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Settembru 2017 ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u fiz-zminijiet ta' qabel gewwa l-fond 1, Loujo, Triq Herbert Ganado, il-Pieta' u/jew f'dawn il-gzejjer :

1. B'diversi atti maghmula minnu li gew maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma hux izjed minn elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta u/jew persuni / entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku;

3. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi meter tal-elettriku, jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku, jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-28 ta' Marzu 2019, semghet ix-xiehda ta' l-iSpettur Matthew Galea, fejn qal li nhar l-24 ta' Novembru 2018, beda jinvestiga konsum ta' elettriku mhux registrat mill-fond fi Triq Herbert Ganado, Pieta, wara li rcieva kwerela minghand l-Enemalta, mmarkat Dok MG1. Dan il-konsum mhux registrat li gie skopert bejn l-1 u l-4 ta' Settembru 2017, kien ilu ghaddej mill-4 ta' Settembru 2012 u kien jammonta ghal €897.27 apparti imghax u penali. Fl-4 ta' Settembru 2017, David Scicluna u Robert Busuttil, bhala Surveillance Officers mal-Enemalta kienu ghamlu rapport l-ghassa tal-Hamrun (Dok MG2), illi waqt illi kienu qeghdin jbiddlu meter fejn jghix Jurgen Schembri, sabu wire mqabbad minn gos-*service box* qabel il-meter tad-dawl li ma kienx ikkonnetjat. Hu kien mar fuq il-post u sab is-sid tal-fond Louis Cuschieri li urieh il-ktieb tal-kera (Dok MG3) fejn deher illi bejn is-16 t'Awwissu 2012 u 21 ta' Dicembru 2018, il-fond kien mikri lil Jurgen Schembri. Hu kien ha l-istqarrija ta' Jurgen Schembri li gharaf fl-awla, li kien irrinunzja ghal-assistenza legali (Dok MG4 u Dok MG6) fejn qallu li min kien joqghod qablu fil-post kien qallu li kien qala l-wire tal-arlogg u b'hekk kien cempel lil tal-Enemalta biex jbidlulu l-arlogg. Hu kien kellem lil Enemalta li pprovdewlu ritratti, rapport tal-ispezzjoni u rendikont u qari tal-konsum (Dok MG6), peress illi fir-residenza ta' Schembri l-konsum kien baqa' ghaddej. Fil-kontro ezami ikkonferma illi Schembri kien qallu illi hu stess kien talab sabiex jmorru jbiddlu l-arlogg u fil-fatt qal illi ma kienx ser jghidilhom jmorru jbiddlu l-meter jekk kien hu stess li ghamel hekk, izda mill-customer care ma setghux jghidulu min kien ghamel it-telefonata.

Illi xehed Robert Busuttil fejn qal li jahdem bhala parti mit-tim ta' spezzjoni mal-Enemalta, kien mar fl-4 ta' Settembru 2017, flimkien ma' David Scicluna, ghall-appuntament sabiex jbiddel meter li kien irregistrat fuq Gaetano Cuschieri fl-indrizz 1, Loujo, Fi Triq Herbert Ganado, Pieta'. Fuq il-post kienu sabu lil Jurgen Schrmbri li gharaf fl-awla. Kienu poggew *service box*, bicca wire u bicca injama li kienu sabu meta kienu marru biex jbiddlu l-meter go *evidence bag* bin-numru 001022. Ix-xhud pprezenta rapport mmarkat Dok RB1. Fil-Kontro ezami qal illi kif David qata' s-sigilli innota wire blu tad-*distribution box* maqtugh li kien qieghed jiehu s-servizz qabel il-meter u ma' kienx ikkonnettjat mad-*distribution box*. Jurgen Schembri qalilhom li hu kien bil-kera. Il-post kien flat u huma kienu marru fuq il-post ghax kien hemm appuntament biex jinbidel il-meter. Enemalta kienet qieghda tibghat avvizi biex jinbidlu l-meters qodma. Ma' jafx min ghamel l-appuntament imma kien fethilhom Schembri. Meta thares lejn il-meter ma' kienx jidher li hemm xi haga hazina. Biex tinduna trid tkun persuna tas-sengha biex tara l-load hiereg fuq il-wire blu u mhux fuq il-wire tal-meter. Huma qalghu l-affarijiet waqt il-bdil tal-meter.

Illi Michael Buttigieg xehed u pprezenta Dok MB1 li huwa rapport ta' *tampering* fuq konsum fuq l-indirizz 1, Loujo, gewwa Triq Herbert Ganado, Pieta registrat fuq Gaetano Cuschieri. Wara li tkun saret spezzjoni minn sezzjoni ohra, is-superjuri tieghu jghidulu biex johrog kalkoli ibbazata fuq konsum li jkun hemm, u jikkalkulaw l-ammont ta' kemm jahsbu li kien il-konsum ibbazzat fuq data tal-konsum ta' qabel, biex jaraw l-ammont li soffriet l-Enemalta. Kienu hargu bl-ammont ta' €817.27 u kien hemm ukoll imghaxijiet u penali. Ix-xhud qal illi ma kellux dettalji ta' min kien jhallas il-kontijiet qabel il-revizjoni.

Illi fit-3 ta' Marzu 2019 xehed David John Scicluna fejn qal illi kien inghata lista ta' meters antiki li riedu jinbidlu ghal *smart meters* u kien mar fl-indirizz numru 1, Loujo, Triq Herbert Ganado, Pieta. Hu kien cempel in-numru li kien inghatalu u kien mar mal-kollega Robert Busuttil ghal appuntament fl-4 ta' Settembru 2017. Fethilhom ragel izda ma' jiftakarx minn kien, u huma qalghu l-arlogg l-antik. Waqt illi kien qieghed izarma innota li kien hemm wire blu li mhux suppost kien hemm u li kien qieghed jaqbez il-meter u dan jintuza' generalment biex certu units ma jigux irrekordjati. Tarf tal-wire kien imqabbad direttament mal-installazzjoni tal-Enemalta u tarf iehor miftuh. B'referenza ghar-ritratti a fol. 65 u 66 jidher il-wire li fih il-kurrent, fol. 67 huwa l-wire minn fejn

kien hiereg u 68 il-wire mghoddi mis-*service box* ghal wara tas-salvavita. Fol. 69 u 70 jidher is-*service box* u minn fejn hiereg il-wire u fol. 71 huwa l-arlogg antik. Ingabru l-affarijiet go borza, u fuqha jitnizzel l-indirizz u l-isem tal-persuna u jigu iffirmati mill-haddiema u l-konsumatur u tigi issigillata quddiemu. Ix-xhud ma jiftakarx x'kienet ir-rejazzjoni tal-persuna imma, deher illi ma kienx jifhem fl-elettriku. Fol. 61 huwa r-rapport li jsir min-naha tal-Enemalta bil-firma tieghu, Robert Busuttil u Joe Farrugia li kien tah il-lista tal-meters biex jinbidlu u l-firma ta' Jurgen Schembri. Ipprezenta Dok JDS1 li kien *service box* tad-dawl u l-bicca wire li kien mqabbad biex ma' jghaddix mill-arlogg. Dawn ittiehdu mill-fond numru 1, fi Triq Herbert Ganado, Pieta dakinhar li mar ma' Robert Busuttil.

Illi xehed Reuben Bonnici, fejn qal illi l-kont bin-numru 411000020435 tal-fond 1, Loujo, Triq Herbert Ganado, Pieta, kien f'isem Gaetano Cuschieri u Dok RB1 kien l-ahhar kont li hareg sas-27 ta' Lulju 2019. Kien sar trasferriment tal-kont fid-19 ta' Jannar 2011 minn fuq Adrian Marmara'ghal Gaetano Cuschieri, Dok RB2. Fl-2012 kienet inbidlet ir-rata ghax zdiedu l-persuni fuq il-kont u r-rata inqalbet minn domestika ghar-residenzjali. Hu pprezenta dokument tal-meter change, Dok RB1, fejn il-meter antik kellu n-numru 8006487 li nbidel fl-4 ta' Settembru 2017 ghal meter gdid bin-numru 1514E5Q2116275485.

Illi xehed Louis Cuschieri fejn qal illi l-post Loujo, Triq Herbert Ganado, Pieta kien wirtu flimkien ma' huh minghand missieru wara li miet fl-2014. Il-post kien mikri minn missieru lil Jurgen Schembri, li gharaf fl-awla. B'referenza ghal fol. 18 sa 34 jghid illi dawn huma photocopy tal-ktieb tal-kera li kien ghadda lill-iSpettur u li Jurgen Schembri kien jhallas kull xahar. Dejjem ha hsieb li kien hemm bzonn il-kerrej, Jurgen Schembri u hu ma' kienx gie nfurmat li kienu ser jinbidlu l-meters. Xi snin qabel, Jurgen kien cempillu biex jghidlu li l-Enemalta kienu sabu xi problema fid-dawl meta kienu marru biex jbidlu l-meters. Jurgen kien qallu li hu ma kellux x'jaqsam u kien talbu biex jmur mieghu l-ufficju tal-Enemalta.

Illi xehed Joe Zahra, Administrative Executive fil-customer care tal-Enemalta, fejn qal li bejn l-2009 u l-2019 ma kien sar ebda kommunikazzjoni bejn l-imputat u l-customer care.

Illi fis-7 ta' Novembru 2019 xehed PC299 Damien Cilia, stazzjonat il-Hamrun, fejn qal li fl-4 ta' Settembru 2017, kienu rraportaw zewg ufficjali

tal-Enemalta David John Scicluna u Robert Busuttil, dwar serq tad-dawl li kienu nnotaw wara li ghamlu spezzjoni f'numru 1, Triq Herbert Ganado, Pieta. Hu kien infurma lil PS1222 b'dan ir-rapport li pprezenta u gie mmarkat Dok DC1.

Illi xehed l-imputat Jurgen Schembri, fejn qal li hu kien jikri l-post li jinsab Fat 1, Loujo, Triq Herbert Ganado, Pieta minghand Gejtu Cuschieri li kien miet u ghalhekk beda jhallas l-kera lit-tifel tieghu Louis Cuschieri. Kien ilu joqghod hemm mill-2011 jew 2012. Qablu kien jinkera lil haddiehor u meta zvojta kien dahal hu. Wara xi sena u nofs li kien ilu jghix hemm, kien cempel lil Enemalta sabiex jbiddlu l-meter antik li kien hemm ghax beda jara li kien qieghed jkollu kont gholi. Hu kien jghix wahdu u kull ma' kellu kienu bozza, television u fridge. Tal-Enemalta kienu marru wara xi tlett ijiem wara l-appuntament u hu kien qalilhom li ser jkun vicin u x'hin jlestu jghidulu. L-arlogg kien fuq injama u x'hin qalghu l-arlogg kien biex jibdluh ghal arlogg gdid, sabu wire blu maqtugh. Hu ma' kienx jaf bih, ghax kien wara l-injama u kieku kien ghamlu hu stess, kien jaqla l-wire qabel ma' kien jcempel lil Enemalta. Kien ghamlu xi hadd qablu, min kien jikri l-post qablu. Hu kien jahdem ma' missieru f'hanut tal-ikel il-Pieta u ma kienx jifhem fid-dawl ghax lanqas plakka ma kien jaf ibiddel. Kieku kien jifhem, kien jaqla l-wire li kien wara l-injama qabel jcempel. Il-meter kien jinsab wara l-bieb fl-indana tat-tarag u kien jidhol hu biss. Fil-kontro ezami b'referenza ghal Dok RB1 hu gharaf il-firma tieghu. L-imputat kompla jghd li kienu xi tlett persuni li kienu qeghdin jaqalghu l-meter u kien mar wiehed minnhom jghidlu li kellu l-illegalitajiet. Mar mieghu u urewh il-wire maqtugh u qalulu li xi darba kienu qeghdin jiehdu d-dawl. Hu qalilhom li mhux hu u huma cemplu lil min kien inkarigat. Kif ra l-wire, wara li qalghu l-injama, ra li kien hemm illegalitajiet. Din kienet l-ewwel darba li ra dan il-wire ghax ma kienx jaf bih qabel u ghalkemm ma jifhimx fid-dawl ra li l-wire kien maqtugh.L-injama kienet mwahhla sew mal-hajt bil-boltijiet u qatt ma kien qalghaha. Hu kien jaf li kien hemm haddiehor joqghod hemm qablu ghax qabel kien jghix m'ommu li kienet toqghod vicin. Hu assuma li din il-persuna kienet ghamlet il-wire, ghax kieku kien ghamlu hu, kif wahhlu kien jaqalghu qabel jcempel lil tal-Enemalta biex ibiddlu l-meter.

**Ikkunsidrat**

Illi haddiema tal-Enemalta kienu marru fil-fond fil-Pieta' sabiex ibiddlu l-meter antik tad-dawl ghal *smart meter*. Fil-fatt kien appuntament miftiehem u fil-fond sabu lil Jurgen Schembri li kien l-inkwilin. Waqt illi kienu qeghdin ibiddlu l-meter, u kienu qalghu l-meter fuq wara, lemhu wire blu li kien maqtugh qabel il-meter tad-dawl. Minn dan il-wire kien jghaddi s-servizz qabel ma jigi rrekordjat u ghalhekk dan kien ghad-dannu tal-Enemalta. Gew pprezentati ritratti kif ukoll is-*service box* u wire stess li kienu tpoggew f'*evidence bag*. L-imputat stess ikkonferma illi l-wire fil-fatt deher illi kien maqtugh u li kien intmiss. L-Enemalta ma setghux ikunu jafu ezatt kemm kien il-konsum mhux registrat, ghax proprjament ma kienx registrat u biex hadmu l-ammont tad-danni kellhom jaghmlu kalkolu bbazat fuq il-konsum prezenti u passat, li xehed dwarha Michael Buttigieg. L-imputat ghazel li jixhed, u fix-xiehda tieghu qal illi kien hu stess illi kien ghamel l-appuntament biex jinbidel il-meter u dan ghaliex kien qieghed jkollu konsum gholi. Qablu kien joqghod persuna ohra u hu kien ilu joqghod hemm mill-2011/2012. Hu jghid illi ma kienx jifhem fid-dawl u qatt ma kien ra l-wire. Fil-fatt fix-xhieda ta' Robert Busuttil hu qal illi biex tinduna bil-wire ridt tkun persuna tas-sengha. L-imputat sostna illi li kieku kien ghamlu hu, ma kienx jaghmel kuntatt mal-Enemalta ghal appuntament qabel ma jaqla' l-wire.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **'Pulizjia vs Ronald Bruno'**[1] fejn il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni dwar il-kalkolu tal-konsum mhux registrat.

*'Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-record of consumption li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm) serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, kellha tingieb prova tal-load ta' l-apparat elettriku f'dak il-periodu. Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-ahwa Mifsud ma staqsewhomx x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond qabel ma huma hadu l-hanut f'idejhom; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt; u meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri ma sarx l-icken tentattiv sabiex in kontro-ezami jigi b'xi mod stabbilit x'apparat elettriku u/jew x'sistema ta' dawl kellu fil-periodu inkriminat fil-fond in kwistjoni.*

*Huwa veru li s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat. Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li*

[1] Pulizija vs Ronald Bruno, Appell Kriminali deciza 31.05.2000 per Onor Mhallef Dr. Vincent Degeatano

*kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu. Pero` hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm uzu jew konsum illegali, cioe` serq, tal-ilma, gass jew elettriku. In fatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 264(2) minghajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku. Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat.'*

Illi l-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza **'Pulizija vs Emanuel Camilleri'**[2] fejn inghad illi,

*'Jibqa' l-punt pero li din il-Qorti ma gietx murija ir-record of consumption ta' qabel id-dati 1989. Konsum li forsi kien jikkonforta lill-Qorti izjed bhala punt ta' paragun bejn dak li kien jikkonsma s-Sur Camilleri qabel u dak li beda jikkonsma minn- 1989 san-1995. Punt iehor li jinkwieta ferm lill-Qorti huwa li wara li nbidel il-meter cioe min-1995 cioe iktar taht mil-linja r-roza tad-dokument record of consumption esebit mis-Sur Silvio Decelis, jidhru wkoll zewg konsumi wiehed ta' 9.5 u l-iehor ta' 9.9 u dan l-inkwiet jizdied meta wiehed ihares lejn il-konsum ta' qabel il-linja r-roza u jara per ezempju li fis-sena 1994 hemm konsum ta' 9.1 u dak ta' qablu ta' 8.6. Il-Qorti diga esprimiet ruhha u qalet li hija konvinta li xi tip ta' tbaghbis kien hemm f'dan il-meter in kwistjoni. Li mhux konvinta pero li forsi dan it-tip ta' tbaghbis kien jestendi sal-guranta li jinbidel l-istess meter. Fil-fatti xi l-konsum precedenti ghall-istess bdil huwa vicin ghall-konsum ta' wara il-bdil tal-meter.*

*Dan ir-ragunament il-Qorti qed taghmlu ghax il-ligi titfa presunzjoni juris tantum fuq l-akkuzat biex jipprova sal-grad tal-probabbli li ma kienx hu li baghbas l-istess meter, dan a bazi tal-Artikolu 264 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero tqis din il-Qorti li kif dedotta l-akkuza ma jirriflettix fil-verita d-dati vera ta' meta l-allegat ellettriku kkunsmat gie illegalment mbaghbas. Terga tghid u ssostni l-Qorti li hija konvinta anke minhabba l-istat li nstab fih l-istess meter u tenut kont tar-record of consumption f'certu perjodi li tbaghbis kien hemm pero hija konvinta wkoll li dan it-tbaghbis mhux rifless fid-dati kollha inkluzi fl-akkuza. Ghal daqstant, in vista ta' hekk biss qed tillibera lil Emanuel Camilleri mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.sal-guranta li jinbidel l-istess meter. Fil-fatti xi l-konsum precedenti ghall-istess bdil huwa vicin ghall-konsum ta' wara il-bdil tal-meter.'*

## Ikkunsidrat ulterjorment

Illi fl-ewwel lok irrizulta li l-fond in kwisjtoni ma kienx minn dejjem f'idejn l-imputat. Fil-perjodu li ghalih jirreferu l-akkuzi, qabel l-imputat, kien hemm ta' lanqas persuna ohra li kien qieghed jokkupa l-istess fond. Illi wkoll kien l-imputat stess li applika sabiex jinbidel il-meter u fil-fatt meta marru l-impjegati ta' l-Enemalta u wrewh l-istat li kien fih il-meter l-antik, hu kien sorpriz ghaliex qatt ma ra dan il-wire maqlugh, kif gie ikkonfermat mill-impjegati tal-Enemalta stess, li qalu li sabiex tinduna bih

[2] Pulizija vs Emanuel Camilleri deciza 11.06.2004 per Onor Magistrat Dr. Miriam Hayman.

ridt tkun tifhem fid-dawl, u ntwera bic-car li l-imputat la nduna bl-istat li kien il-meter tad-dawl u lanqas kien jifhem f'dan ix-xoghol, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tiddikjara lill-**imputat mhux hati** tal-akkuzi migjuba kontrih u tilliberah minnhom.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**